# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Diane Vella )

Vs

Nicolai (Nicolai Christian) Magrin

Illum 17 ta' Frar, 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta'

Nicolai (Nicolai Christian) Magrin, iben Alfred u Maria nee Cassar imwieled fil-31/10/1974 u joqghod 28, Triq Depiro, Sliema ID 0528174M.

Billi int akkuzat talli fit-19 ta' Ottubru, 2022 ghall-habta ta' 18.45 hrs fi Triq San Luqa, Pieta` soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni CBX795;

1. U meta kont involut f`incident tat-traffiku ma vettura nru; GBI 781 inqast li tieqaf u meta kien mehtieg inqast li taghti l-partikolaritajiet tieghek u d-dettalji tal-vettura li kont qed issuq kif mitlub bil-ligi u/jew inqast li tirraporta l-imsemmi incident lill-Pulizija jew Gwardjan Lokali;

2. Inqast li tipproduci l-licenza tas-sewqan meta gejt mitlub taghmel hekk mill-Pulizija jew mill-Awtorita` fi zmien kif stipulate mil-ligi.

3. Inqast li tipproduci l-polza tal-assikurazzjoni hekk kif gejt mitlub mill-Pulizija;

4. Inqast li tobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilek mill-Pulizija fil-qadi ta` dmirijietu, jew ma hallejtx jew fixxkilthom waqt mli kienu qed jaghmlu dmirijiethom jew b`xi mod bla jedd indhalt fl-istess dmirijiet billi ma hallejtx membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li l-ligi kien ordnat li jaghmlu u billi hassart jew gibt fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija bhala Awtorita` kienu ghamlu;

5. U b’nuqqas ta’ hsieb u bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku hbatt ma` vettura nru GBI781 w involontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta` Claudia Grixti.

6. Inqast li tobdi l-Ordni tal-Pulizija, meta gejt avzat bil-fomm jew b`avviz bil-miktub sabiex tattendi l-Ghassa tal-Pulizija j f`xi post iehor indikat mill-Pulizija sabiex tipprezenta d-dokumenti mehtiega mill-istess Pulizija.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi il-piena skond il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill-L.S. 65.18 Art. 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli 338(ee) 328(d) 355AD(3)(4)(5)Kap 9, Art 8(1) Kap 104 , LS 65.11 MVR67(2). LS 65.18 Reg 77, L.S. 65.18 Art 36B fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**Stephen Cachia** xehed permezz ta' affidavit

**PC 2437 Clive Mallia** xehed permezz ta' affidavit u in kontro-ezami dwar l-involviment tieghu fl-incident

**Claudia Grixti** xehdet dwar l-incident u l-kuntatt li ghamlet mal-Pulizija

**Tara Chetcuti** xehdet da parti ta' Mapre Middle Sea

**Ikkunsidrat**

Illi l-livell ta' provi mhux fil-grad rikjest fil-kamp kriminali ta' *beyond a reasonable doubt*. D-dok CG5 stima mhux konfermata bil-gurament u bhekk il-hames (5) imputazzjoni mhux ippruvata. L-imputazzjonjet l-ohra mhemmx certezza ta' kif u meta l-imputat kien ordnat jaghmel kuntatt mall-Pulizija.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 338(ee) 328(d) 355AD(3)(4)(5)Kap 9, Art 8(1) Kap 104 , LS 65.11 MVR67(2). LS 65.18 Reg 77, L.S. 65.18 Art 36B fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx lil Nicolai (Nicolai Christian) Magrin hati tal-imputazzjonijiet fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**